DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/570

tal-10 ta' Marzu 2023

li tagħti derogi lil ċerti Stati Membri mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura

(notifikata bid-dokument C(2023)1562)

(It-testi bil-Pollakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bit-Taljan biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4b(1) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 4b(2) tar-Regolament (KE) Nru 138/2004, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika tas-Slovenja ressqu talbiet għal deroga sal-21 ta' Awwissu 2022.

(2) L-informazzjoni li dawk l-Istati Membri taw lill-Kummissjoni tindika li t-talbiet tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika Taljana, tar-Repubblika tal-Polonja u tar-Repubblika tas-Slovenja huma ġustifikati mill-ħtieġa għal adattamenti kbar fis-sistemi nazzjonali tal-istatistika tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm tat-trażmissjoni tad-*data* għall-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura, kif imsemmi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 138/2004.

(3) Għalhekk, id-derogi mitluba għandhom jingħataw lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika tal-Polonja u lir-Repubblika tas-Slovenja.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika [2],

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-derogi mir-Regolament (KE) Nru 138/2004 stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma mogħtija lill-Istati Membri elenkati hawn.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika tal-Polonja u lir-Repubblika tas-Slovenja.

[1] ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Dispożizzjoni kkonċernata	**Stat Membru**	**Perjodu ta' deroga mogħti**	**Snin ta' referenza koperti b'deroga**	**Ambitu tad-deroga**
L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 138/2004	Ir-Renju ta' Spanja	Sentejn (30 Sett 2023 - 29 Sett 2025)	2021, 2022	Trażmissjoni ta' 7 varjabbli: — Partita 32.1 (GFCF tal-pjantaġġuni); — Partita 32.2 (GFCF tal-annimali); — Partita 33.1 (GFCF tal-materjali); — Partita 33.3 (GFCF ieħor); — Partita 36 (Bidliet fl-inventarji); — Partita 37.1 (Għotjiet ta' investiment); — Partita 37.2 (Trasferimenti kapitali oħra).
L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 138/2004	Ir-Repubblika Taljana	Sentejn (30 Sett 2023 - 29 Sett 2025)	2021, 2022	Trażmissjoni tal-varjabbli skont it-terminoloġija tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 138/2004 mill-Partita 21 (konsum tal-kapital fiss) lejn il-Partita 37 (trasferimenti kapitali).
L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 138/2004	Ir-Repubblika tal-Polonja	Sentejn (30 Sett 2023 - 29 Sett 2025)	2021, 2022	Trażmissjoni tal-varjabbli kollha elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 138/2004 fir-rigward tar-REAA.
L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 138/2004	Ir-Repubblika tas-Slovenja	Sentejn (30 Sett 2023 - 29 Sett 2025)	2021, 2022	Trażmissjoni tal-varjabbli kollha elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 138/2004 fir-rigward tar-REAA.